Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 22/2005

**Maria Concetta Agius**

**vs**

**Danish Bakery Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Ottubru 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Introduzzjoni

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qorti Superjuri f' isem Maria Concetta Agius mill-Avv. Aron Mifsud Bonnici LL.D. fejn qed jghid illi t-tkeccija ma kenitx ghal raguni tajba u sufficjenti skond Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-ftehim kollettiv. Gie pprezentat ukoll Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri mill-Avv. Andrew Borg Cardona LL.D. fejn

qal illi tali licenzjament ma kienx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Is-Sinjura Maria Concetta Agius li kienet assistita mill-Avv. Andrew Borg Cardona LL.D. aktar ‘il quddiem tissejjah l-appellanti. Ghas-socjeta` intimata, aktar ‘il quddiem tissejjah is-socjeta, deher is-Sur John B. Mansueto assistit mill-Avv. Vanessa Borg LL.D.

It-Tribunal zamm disa’ seduti.

Fl-ewwel seduta l-Avv. Aron Mifsud Bonnici li kien originarjament fit-8 ta’ Marzu 2004 ipprezenta dikjarazzjoni f’ isem l-appellanti u ndirizza lit-Tribunal deher ukoll biex jinforma lis-sedja li huwa ma kienx ser jassisti lill-istess appellanti fil-kaz odjern.

Dikjarazzjoni tal-Kaz

L-appellanti kienet ilha impjegata ma’ l-intimati minn April ta’ l-2001 bhala operator u ma kellhiex problemi dixxiplinarji f’ dan iz-zmien.

L-appellanti kienet infurmat lil George Pace, id-Despatch Officer, li sab il-pasti fil-basket taghha, illi hija kienet ser tehodhom, haga li kienet normali fl-azjenda meta tasal l-ahhar tal-gurnata u jkun hemm xi prodotti illi ma jkunux *up to standard.*

L-allegazzjoni ta’ l-intimati, li saret fl-*Internal Memo* moghtija lill-appellanti fl-istess gurnata m’ hijiex ezatta u ma kellhomx jittiehdu passi kontra l-appellantI specjalment illi l-prodotti in kwistjoni ma kellhomx valur sinifikattiv.

Ftit granet qabel kienu saru akkuzi lilha minn Joe Mifsud li kien eventwalment keccieha, dwar kwistjoni li dwarha ma kellhiex kontroll, u dan kien qallha kliem fis-sens illi “bhal ma gibtek jien, inkeccik jien”.

Is-socjeta appellata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid illi l-appellanti kienet impjegata mas-socjeta bhala “Assistant

Confectioner” bejn it-2 ta’ Novembru 2001 u d-9 ta’ Dicembru 2003.

Illi fit-2 ta’ Settembru 2003, waqt li l-appellanti kienet hierga mill-bini tal-*bakery* sabiex tmur lura d-dar wara x-xoghol, u waqt li kienet qeghda ssir spezzjoni ta’ rutina mid-Despatch Officer George Pace, fuq il-haddiema kollha hergin, instab fil-pussess taghha pakkett li kien jikkontjeni erba’ bicciet pasti *(pastries)* li kienu jaghmlu parti mill-produzzjoni ta’ dakinhar ghal *Flight Catering Company,* klijenta tas-socjeta appellata.

Illi t-tehid ta’ l-imsemmi prodotti sar minghajr il-permess tas-socjeta appellata u kontra ordnijiet specifici mghotija lill-impjegati. Illi incident bhal dan jikser kull principju stabbilit ta’ normi ta’ impieg fejn impjegat ghandu access kontinwu ghall-prodotti tal-kumpanija. Illi s-socjeta appellata tissottometti illi l-impieg ta’ l-appellanti gie tterminat ghall-raguni tajba skond il-ligi.

Kunsiderazzjonijiet

F’dan il-kaz is-socjeta appellata ssostni illi l-appellanti hadet pasti prodotti tas-socjeta minghajr permess biex tohodhom maghha d-dar. Huwa ghal kollox kontra l-principji stabbiliti mis-socjeta kif ukoll huwa mfisser fil-memos li hargu ghall-attenzjoni tal-haddiema li jahdmu fil-*pastry* kif esibiti fil-kaz JM 4(13/8/2001), JM 5(13/8/2001) u JM 6(3/7/2003). Is-socjeta taght koncessjoni lill-haddiema li jiehdu hobza kull wiehed kull jum. Biex jinhareg xi prodott iehor irid jinghata permess mill-Manager u jew ufficjal iehor tal-management. Matul is-smiegh tal-kaz xhiedu s-Sinjuri George Pace, *Despatch Officer,* Stephen Busuttil, *Quality Assurance Manager,* Joseph Mifsud, *Financial Controller,* John Mansueto, *Industrial Relations Manager,* Louis Gatt, *Supervisor,* Paul Camilleri, *Confectioner Pastry Chef,* Lawrence Coleiro, *Sales and Security Manager,* l-Appellanti, John Hamilton u Andrew Grech, *Confectioner.*

Il-bazi principali tal-kaz hu dwar pasti mehuda bla awtorita mis-socjeta. Ix-xhieda fil-maggoranza taghhom qalu illi

dakinhar tas-*search* l-appellanti ma wrietx okkupazzjoni bis-*search* tant illi waqt li kienet taf li sejjer ikun hemm *search* xorta harget bil-pasti fil-basket.

L-appellanti kellha x-xoghol taghha fil-*finishing* fl-ahhar tal-process, tghid illi kellha esperjenza li taf taghraf liema huma dawk il-pasti li ma jkunux skond ir-regoli u li ghalhekk ghandhom ikunu mwarbin.

It-Tribunal jara illi dan il-kaz ma hux fil-fatt kaz tant facli minhabba li hemm ammissjoni ta' l-appellanti li ma kienux isiru *searches* ghal anqas fuqha liema ammissjoni kienet persistenti waqt li minn naha tas-socjeta appellata tirritjeni illi l-appellanti kisret ir-regoli stabiliti tas-socjeta. Fid-dawl ta' dan kollu kien mehtieg mit-Tribunal illi mhux biss jara u jevalwa dak kollu li qalu x-xhud, l-appellanti u s-socjeta imma wkoll illi jara fil-fond tas-sistema minn dak li ntqal kif kienet tigi pprattikata matul il-hajja tax-xoghol. Huwa fatt accettat li s-socjeta kellha l-Memos avzati u wkoll li ghandha d-Despatch Officer fl-impieg pero il-fatti l-aktar mehtiega u bzonnjuzi f' dan il-kaz partikulari huma li jigi stabilit car kemm hu possibbli kif kien l-andament fl-prattika ta' kull jum. Hu mportanti li meta qed jissemma s-*search* (spezzjoni) tajjeb li naraw kemm hemm haddiema nvoluti. F'dan il-kaz in kwistjoni s-*search* saret fuq erba' haddiema li tlieta minnhom ma kellhom xejn u wahda l-appellanti instab li kellha borza b' erba' pasti tal-*flight* gol-*handbag* u kellha borza ohra bil-bicciet tal-pasti, skond internal memo ta' 2 ta' Settembru 2003 iffirmat minn Stefan Busuttil u George Pace (Dok. GP I).

Is-Sur Lawrence Coleiro, *Sales and Security Manager,* fix-xhieda tieghu qal illi l-memorandum immarkat (Dok. JM 6) datat 31 ta' Lulju 2003 kien hargu hu wara li kien qal lii Laurence Borg biex jipprintjahulu fuq il-computer li jghid, *"Anything taken out of the premises should be seen or notified by the dispatch officer on duty. Disciplinary Action will be taken on whoever would not comply with the above."*

Is-Sur John Hamilton eks-impjegat tas-socjeta intimata kien jahdem bhala Despatch ghal ghaxar snin. Irtira mill-

impieg f' Settembru 2003, qal illi fiz-zmien li kien jahdem hemm dawk il-pasti li ma kienux ikunu tajbin *(up to standard)* kienu jwarbuhom f' skip u l-haddiema li kienu jahdmu fl-confectionery kienu jistghu jiehdu xi haga minnhom. Kull meta kien jarahom hergin bil-pasti kien jistaqsihom u kienu jghidulu li tahomlhom Mr. Tayson. Kien qal lis-Sur Lorry Coleiro biex jghatuhom karta li turi li jistghu johorgu ftit pasti pero ma tawx kasu.

L-appellanti fl-iStatement of Case qalet illi kienet infurmat lil George Pace id-Despatch Officer illi kienet ser tiehu l-pasti. Dan il-punt gie iccarat mill-appellanti fix-xhieda taghha minhabba l-fatt illi kellha zewg boroz wahda bit-*trimmings* tal-gateaux f' ideha u l-ohra b' erba' pasti fil-basket. Qalet illi b'dawk tal-basket ma kienetx qaltlu lid-Despatch Officer ghax ma kienux tajbin. Qalet ukoll illi hi kellha esperjenza bizzejjed biex tiddistingwi l-kwalita tal-prodott bejn dak tajjeb (prezentabbli) jew ma hux tajjeb. Dwar is-search mid-Despatch Officer l-appellanti xehdet li qatt ma kien isir ghallinqas maghha. Il-memos kienet taf bihom u kienet tghid lid-Despatch b'li jkollha hija u hierga u dejjem hallewha tohrog.

It-Tribunal jifhem illi waqt li s-socjeta kienet harget il-memos zmien sew qabel dan il-kaz, fil-prattika s-sistema kienet differenti. Huwa aktar inklinat li jiftiehem illi l-haddiema fil-prattika kienu aktar jghidu x' ghandhom meta kien ikollhom xi haga milli ta' kull jum isir is-*search* bl-aktar mod rigorus kif fil-fatt sar f'dan il-kaz in kwistjoni. L-appellanti ma cahditx li kellha l-pasti. Kien importanti l-fatt li naqset li tghid minn qabel b' li kellha fil-basket lid-Despatch Officer meta skond l-appellanti stess kienet taf li dakinhar kien se jkun hemm search. Kieku s-*search* kien isir kull jum regulari kif sostniet is-socjeta kien ikun il-kaz li l-appellanti nstabet li kisret ir-regoli l-ewwel darba fiz-zmien sentejn u nofs li ghamlet fl-impieg.

Bir-ragunamenti sew tas-socjeta kif ukoll ta' l-appellanti fejn ta' l-ewwel sostnew illi ma hux minnu li s-*searches* ma kienux isiru regolari u tat-tieni tghid illi s-*searches* ma kienux isiru, it-Tribunal jara illi fic-cirkustanzi d-decizjoni li hadet kontra i-appellanti kienet sproporzjonata hafna. il-

fatti mressqa quddiem it-Tribunal kienu marbuta mas-sejba ta' l-erba' pasti li kellha fil-basket biss u xejn izjed.

Hu fatt accettat illi l-appellanti naqset anzi naqset hafna ghax immaterjali jekk ghas-sahha ta' l-argument kienux fil-fatt isiru *searches* jew le dakinhar tal-kaz kienet taf minn qabel skond l-istess xhieda taghha li se jkun hemm *search*.

Allura hawn jinghad, kienet gusta s-socjeta ntimata meta hadet id-decizjoni li tissospendi u wara tkecci lill-appellanti? Minn naha ta' l-appellanti agixxiet propju u sewwa fl-ghemil taghha li tiehu erba' pasti minghajr awtorita?

It-Tribunal jifhem illi s-socjeta kellha fic-cirkustanzi tiehu passi dixxiplinarji kontra l-appellanti kif ukoll l-appellanti kellha tkun responsabbli bizzejjed u tikkonsidra l-gravita ta' l-atti taghha. Il-fatt illi ttitiehdet decizjoni dixxiplinarja huwa att accettat mit-Tribunal imma hemm mod u mod kif jittiehed pass dixxiplinarju. Decizjoni ta' tkeccija mill-impieg hija l-ghola grad ta' dixxiplina fil-hajja tax-xoghol. F' dan il-kaz id-dixxiplina applikata hi kkunsidrata harxa hafna, setghu gew applikati metodi ohra ta' dixxiplina meta hu l-ewwel kaz ta' din in-natura.

It-Tribunal jiddeciedi li ghal perjodu ta' zmien li ilha mkeccija mix-xoghol mis-19 ta' Settembru 2003 skond (Dok. JM 2) iffirmat mis Sur Joe Mifsud, *Financial Controller,* l-appellanti ghandha tigi kkonsidrata bhala sospiza mix-xoghol u bla hlas ta' ebda paga cioe' sad-data tad-Decizjoni waqt illi jordna li l-istess appellanti ghandha terga' tiddahhal ghax-xoghoi b' effett mill-ewwel gurnata wara d-data tad-Decizjoni.

Decizjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellanti mis-socjeta appellata ma kienetx wahda gusta u sufficjenti. Jordna lis-socjeta appellata biex terga' ddahhalha lura ghax-xoghol b' effett mit-Tlieta, 11 ta'

Ottubru 2005. Iz-zmien li ilha barra ghandu jigi kkonsidrat bhala wiehed ta' sospenzjoni minghajr paga.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Minn din is-sentenza appellat ir-rikorrenti Maria Concetta Agius li talbet ir-riforma taghha. Hi tikkontesta dik il-parti tad-decide fejn it-Tribunal Industrijali ordna r-reintegrazjoni taghha fil-post tax-xoghol meta d-domanda taghha kienet wahda ghar-rizarciment tal-kumpens;

Mill-atti tal-kaz quddiem it-Tribunal adit, senjatament l-istqarrija ta' l-appellanti tal-kaz taghha, jirrizulta kjarament li l-pretensjoni taghha kienet bazata fuq kunsiderazzjoni duplici, u cjoe, (i) li t-tkeccija taghha mill-impjieg kienet ghal raguni mhux tajba u sufficcjenti u (ii) li tigi rizarcita l-kumpens xieraq;

Hi petizzjoni ta' principju f' kazi ta' tkeccija minghajr gusta kawza, ex-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452 illi, "**jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidhol fl-impjieg jew jerga' jigi mpjegat, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol fl-impjieg jew jerga' jigi mpjegat kif intqal qabel, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment rigward it-tkeccija.**";

Jibda biex jigi osservat illi bla dubju l-aggravju sottomess jinvolvi l-punt ta' ligi li jsemmi l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att XXII ta' l-2002 ghad-dritt ta' l-appell mis-sentenza tat-Tribunal Industrijali. M' hemmx kwestjoni illi tribunal gudizzjarju ghandu joqghod ghat-talbiet kif sottomessi lilu mill-parti. Differentement, ikun hemm vizzju ta' ultrapetizzjoni fis-

sentenza, u dan jintitola lill-parti in forza ta’ l-interess taghha, guridikament apprezzabbli, li titlob ir-revoka jew ir-riforma tal-parti decizorja tas-sentenza,

In vista tan-norma tal-ligi fuq riportata dan hu maggorment hekk f’ dan il-kaz. Huwa evidentement car illi d-dispositiv tas-sentenza appellata ma huwiex in sintonija ma’ dak li ntalab mill-appellanti. Dan ghar-raguni illi dik is-sentenza statwit id-dritt tar-ri-inseriment fl-impjieg minflok dak tal-likwidazzjoni tal-kumpens li kienet tifforma l-oggett ta’ domanda specifika. Dan igib li s-sentenza tiddifetta fil-parti kundannatorja taghha in kwantu ghal-licenzjament illegittimu stabbilit kellu jikkonsegwi l-affermazzjoni tad-dritt ta’ l-appellanti ghar-rizarciment tal-kumpens, kif kalkolat skond il-kriterji-gwida fil-proviso tal-precitat Artikolu 81 (2) (a). Fi kliem iehor id-deduzzjoni tat-tkeccija ngusta kellha ssegwi minn likwidazzjoni monetarja, hekk kostitwenti l-oggett tat-tieni talba ta’ l-appellanti;

Dan kollu premess qed jigi rilevat in kwantu hu ferm car u ovvju mill-kontenut tad-dispost in ezami illi t-tutela adoperata fir-regim tal-ligi taghna fis-sanzjoni ta’ tkeccija ngusta huwa l-ordni tar-re-integrazzjoni fil-post tax-xoghol jew ir-rizarciment tal-kumpens. Fil-kaz in ispecje hu r-rizarciment li kien indikat lill-appellanti, hekk dikjarata illegittimament licenzjata, ghax hi espressament dan li talbet u mhux ir-re-integrazzjoni. Biex seta’ kien mod iehor kien mehtieg, skond il-vot tal-ligi, li jkun hemm talba specifika *ad hoc* mill-impjegata licenzjata;

Biex jinghad kollox, anke minghajr it-talba ghar-rizarciment tal-kumpens, ma jidherx lanqas fil-fattispeci li kien konsentit li t-Tribunal jordna r-ri-ammissjoni fl-impjieg. Dan anke mill-punto di vista tal-kumpanija appellata *qua* principal. Ghaliha, kif mistqarr fil-kaz taghha, l-agir ta’ l-impjegata kien itellef kull fiducja illi l-imghallem ghandu jkollu fl-impjegat tieghu. Minn din l-istqarrija kien ovvju li ghas-socjeta` appellata l-imgieba ta’ l-appellanti kienet tincidi negattivament fuq ir-rapport fiducjarju u dan

konsegwentement kien iqieghed fid-dubbju r-rapport ghall-futur in kwantu sintomatiku ta' certu atteggjament f' min ihaddem fir-rigward ta' l-impjegata;

Huwa veru li t-trafugament ta' xi ftit pasti kien forsi tenwu u li allura d-decizjoni tat-tkeccija kienet sproporzjonata, b' danakollu, anke jekk l-offiza ma kienetx meqjusa mit-Tribunal ta' gravita`, xorta jibqa' li ghas-socjeta` appellata l-fatt fih innifsu kien agir kontra l-patrimonju taghha. Dan fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, u apparti r-rilevanzi fuq maghmula, kellu jinduci lit-Tribunal ghar-ragonament li l-prosegwiment tar-rapport tax-xoghol ma kienx dak konsentit, gjaladarba l-fiducja ghall-futur tal-principal fl-impjegata tieghu kienet dikjaratament u rreparabilment mankanti;

Maghdud dan, bi premessa ghall-akkoljiment fis-sustanza ta' l-aggravju devolut, din il-Qorti thoss li jkun fl-interess tal-gustizzja mal-partijiet illi l-likwidazzjoni tal-kumpens, purament kwestjoni ta' apprezzament ta' fatt u ta' kalkolu matematiku, issir mit-Tribunal Industrijali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell fl-aggravju sottomess lilha u b' hekk tirriforma s-sentenza appellata. Ghal fini tal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut ghal-licenzjament ta' l-appellanti hekk dikjarat ingust fl-istess sentenza appellata din il-Qorti qed tirrinvija l-atti lit-Tribunal Industrijali ghal kunsiderazzjoni dwarha. Fic-cirkostanzi tal-kaz huwa xieraq li l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------